

- Is-seba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 20(1) u 20(5)(b) tar-Regolament 806/2014, sa fejn is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tikkonstata li Deloitte kienet tissodisfa l-kundizzjoni ta' "espert indipendenti".
- It-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolament 806/2014 u tal-Artikolu 39(2)(b), (d) u (f) tad-Direttiva 2014/59<sup>(2)</sup> fis-sentenza appellata minħabba nuqqas ta' osservazzjoni tal-obbligu li jiġi mmassimizzat il-prezz tal-bejgħ fil-proċess ta' riżoluzzjoni u li jiġi osservat il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' trasparenza fir-rigward tal-offerenti kkonċernati.

(<sup>1</sup>) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

(<sup>2</sup>) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Ravensburg (il-Ġermanja) fit-8 ta' Lulju 2022 – VX u AT vs Gemeinde Ummendorf

(Kawża C-456/22)

(2022/C 359/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Ravensburg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: VX, AT

Konvenut: Gemeinde Ummendorf

### Domanda preliminari

Il-kunċett ta' dannu mhux materjali previst fl-Artikolu 82(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)<sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rikonnoxximent ta' ta' dannu mhux materjali jeħtieġ żvantaġġ sinjifikattiv u preġudizzju li jista' jiġi kkonstatat b'mod oġġettiv ta' interessi personali jew għal dan il-għan huwa biżżejjed li s-suġġett tad-data jitlef, anki għal żmien qasir, kontroll fuq id-data personali tiegħu minħabba l-pubblikazzjoni ta' data personali fuq l-internet għal perijodu ta' f'it jiem, li ma twassal għal ebda konsegwenza sinjifikattiva jew żvantaġġjuża għas-suġġett tad-data?

(<sup>1</sup>) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi

(Kawża C-459/22)

(2022/C 359/58)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: W. Roels, aġent)

Konvenut: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi

**Talbiet**

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħoġbha:

- tikkonstata li, billi adotta u billi żamm fis-seħħ il-kundizzjonijiet għat-trasferiment ta' kapital ta' pensjoni kif previsti fl-Artikoli 19a(1)(d) u 19b(1) u (2) tal-Wet op de Loonbelasting 1964 (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Pagi tal-1964), fl-Artikolu 40c tal-Uitvoeringsregeling Invorderingswet (id-Digriet li Jimplimenta l-Liġi dwar il-Ġbir tat-Taxxi), fl-Artikolu 10d(3) tal-Uitvoeringsbesluit Loonbelasting 1965 (id-Deċiżjoni li Timplimenta l-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Pagi tal-1965) kif ukoll fl-Anness IV tal-besluit DGB2012/7010M inzake internationale aspecten van pensioenen (id-Deċiżjoni DGB2012/7010M dwar l-Aspetti Internazzjonali tal-Pensjonijiet), ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas mill-obbligi imposti fuqu permezz tal-Artikoli 45, 56 u 63 TFUE;
- tikkundanna lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tqis li l-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi rigward il-kundizzjonijiet għal trasferiment ta' kapital ta' pensjoni akkumulat fl-hekk imsejjaħ "tieni pilastru", jiġifieri l-kumulu tal-pensjoni supplimentari permezz tal-persuna li timpjega, hija inkompatibbli mal-moviment liberu tal-ħaddiema, mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u mal-moviment liberu tal-kapital. Minkejja li dawn il-kundizzjonijiet japplikaw għat-trasferimenti nazzjonali u barranin, huma ssodisfatti iktar faċilment mill-fornituri nazzjonali ta' servizzi ta' pensjoni milli mill-fornituri barranin ta' servizzi ta' pensjoni li jixtiequ joffru servizzi ta' pensjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment proprju tagħhom lil ħaddiema li huma impjegati hemmhekk u li preċedentement akkumulaw kapital ta' pensjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi. Jekk il-kundizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni ma jiġux issodisfatti, il-kapital ta' pensjoni akkumulat fil-Pajjiżi l-Baxxi jiġi suġġett għat-taxxa.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-11 ta' Lulju 2022 –  
BM vs LO****(Kawża C-462/22)**

(2022/C 359/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: BM

Konvenut: LO

**Domanda preliminari**

Il-perijodu ta' stennija ta' sena jew ta' sitt xhur imsemmi fil-ħames u s-sitt inċiżi tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000<sup>(1)</sup>, jibda jiddekorri għall-applikant biss minn meta huwa jkun stabbilixxa r-residenza abitwali tiegħu fl-Istat Membru tal-qorti adita jew huwa biżżejjed li fil-bidu tal-perijodu ta' stennija rilevanti jkun hemm biss sempliċi residenza tal-applikant fl-Istat tal-qorti adita u li r-residenza tiegħu, biss wara dan, issir residenza abitwali matul il-perijodu sal-preżentata tal-applikazzjoni?

---

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63.